MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 96/2013

Springfield **Court Owners Association**

**Vs**

**Lankaster Michael**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Frar, 2013:

1) Illi l-konvenut huwa sid l-appartament numru 13 gewwa Springfield Court, Triq il-Qawra, Qawra;

2) Illi huwa gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas lill-Ghaqda attrici li tamministra l-kondominju geww Springfield Court, Triq il-Qawra, Qawra, sehmu mill-ispejjez prorata tal-kondominjum;

3) Illi sas-sena 2012, l-ammont dovut mill-konvenut huwa dak ta' €1,010;

4) Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dak dovut minnu, huwa baqa' inadempjanti.

Ghaldaqstant l-attrici unikament titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jiddikjara lil konvenut debitur ta' l-attrici fis-somma ta' €1,010 u jikkundannah ihallas l-istess somma lill-attrici, bl-ispejjez u l-imghax dekoribbli skond il-ligi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-7 ta’ Frar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-7 ta’ Frar, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf u ghaxar ewro (€1,010). Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data ral-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------